

Il-Ġurnal Uffiċjali C 119 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

7 ta' Mejju 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

V *Opinjoni*

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Parlament Ewropew

2010/C 119 A/01

 Avviż ta' reklutaġġ PE/123/S — Direttur (Grupp ta' funzjoni AD 14) — Servizz Ġuridiku — Direttorat
 għall-Affarijiet Istituzzjonali u Parlamentari 1

Prezz: 3 EUR

V

(Opinjoni)

PROCEDURE AMMINISTRATIVE

PARLAMENT EWROPEW

AVVIŻ TA' REKLUTAĠĠ PE/123/S

DIRETTUR

(Grupp ta' funzjoni AD 14)

SERVIŻZ ĠURIDIKU — DIRETTORAT GĦALL-AFFARIJET ISTITUZZJONALI U PARLAMENTARI

(2010/C 119 A/01)

1. POST VAKANTI

Il-President tal-Parlament Ewropew iddeċieda li jniedi l-proċedura biex timtela l-kariga ta' direttur (AD, grad 14) fis-Servizz Ġuridiku tiegħu — Direttorat għall-Affarijiet Istituzzjonali u Parlamentari, skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolamenti").

Din il-proċedura ta' għażla, li għandha l-iskop li tagħti lill-Awtorità tal-Fatra għażla akbar ta' kandidati, se tiżvolġi fl-istess waqt li tkun għaddejja l-proċedura interna u interistituzzjonali ta' reklutaġġ.

Ir-reklutaġġ se jkun għall-Grad AD14 ⁽²⁾. Is-salarju bażiku huwa ta' EUR 12 967,74 fix-xahar. Flimkien mas-salarju bażiku, li huwa suġġett għat-taxxa Komunitarja u eżenti mit-taxxa nazzjonali, jistgħu jiżdiedu ċerti *allowances* f'ċirkostanzi stabbiliti mir-Regolamenti.

Billi d-Direttorat għandu persunal f'postijiet tax-xogħol differenti, dan l-impjieg jeħtieġ flessibilità u jinvolvi vvjaġġar ta' spiss lejn il-postijiet varji tax-xogħol, kuntatti frekwenti interni u interistituzzjonali, u mal-Membri tal-Parlament Ewropew.

2. POST TAX-XOGĦOL

Il-Lussemburgu. Dan l-impjieg jista' jiġi ttrasferit għal xi wieħed miż-żewġ postijiet tax-xogħol l-oħra tal-Parlament Ewropew.

3. OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-Parlament Ewropew jimxi fuq politika ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ kandidati nisa u rġiel ikkwalifikati biex japplikaw, mingħajr diskriminazzjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 124, 27.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ Mar-reklutaġġ, l-uffiċjal jitqiegħed fi grad skont l-Artikolu 32 tar-Regolamenti.

4. DESKRIZZJONI TAL-IMPJIEG

Uffiċjal għoli responsabbli għad-dmirijiet li ġejjin, fil-kuntest tal-orjentamenti u d-deċiżjonijiet stabbiliti mill-President u mis-Segretarju Ġenerali ⁽¹⁾:

- jiżgura l-funzjonament tajjeb ta' dipartiment speċjalizzat fis-Segretarjat Ġenerali li jikkonsisti f'diversi unitajiet li jkopru l-oqsma tal-kompetenzi tad-Direttorat;
- jimmaniġġja, imexxi, jimmotiva u jikkoordina tim wieħed jew aktar — japplika bl-aqwa mod ir-riżorsi tad-dipartiment biex jipprovdi servizz ta' kwalità tajba (organizzazzjoni, immaniġġjar ta' riżorsi umani u riżorsi tal-baġit, innovazzjoni, eċċ.) fl-oqsma ta' attività tiegħu;
- jagħti pariri lill-Istituzzjoni u lill-entitajiet tagħha fi kwistjonijiet ta' natura ġuridika;
- jirrappreżenta l-Istituzzjoni bħala uffiċjal fi proċeduri ġudizzjarji importanti;
- imexxi l-ħidma ta' għajjnuna ġuridika relatata ma' kwistjonijiet istituzzjonali u tal-Liġi Parlamentari jew kwistjonijiet oħra li jkun inkarigat minnhom il-Ġurikonsult;
- jassisti lill-Ġurikonsult meta jitolbu, jew fin-nuqqas tiegħu, jissostitwixxih fil-laqgħat tal-entitajiet parlamentari;
- jirrappreżenta lill-Parlament Ewropew fil-kuntatti interistituzzjonali.

5. ELIĠIBILITÀ (il-profil mistenni)

Din il-proċedura hija miftuħa għall-kandidati li, *sad-data tal-għeluq għat-tressiq tal-applikazzjonijiet*, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Kundizzjonijiet ġenerali

Skont l-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-kandidat għandu:

- ikun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾;
- igawdi d-drittijiet kollha bħala ċittadin;
- ikun issodisfa kull obbligu impost fuqu mil-liġijiet dwar is-servizzi militari;
- jippreżenta referenzi xierqa dwar il-karattru li jggarantixxu l-ħiliet meħtieġa għax-xogħol mistenni minnu.

b) Kundizzjonijiet partikolari

i) Kwalifiki u esperjenza professjonali

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ta' mhux anqas minn erba' snin iċċertifikati b'lawrja fil-liġi, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ta' tal-anqas tliet snin iċċertifikati b'lawrja fil-liġi flimkien ma' esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena ⁽³⁾,

jew

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'lawrja kif ukoll kwalifika professjonali għall-eżerċitar tal-kariga ta' avukat, flimkien ma' tal-anqas sena esperjenza professjonali xierqa ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Ara l-anness għad-dmirijiet prinċipali.

⁽²⁾ L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Isvezja u l-Ungerija.

⁽³⁾ Din is-sena ta' esperjenza ma titqiesx fil-valutazzjoni tal-esperjenza professjonali meħtieġa fil-paragrafu segwenti.

- Tal-anqas **ħmistax-il sena** esperjenza professjonali wara l-kisba tal-kwalifiki msemija fl-ewwel paragrafu, li tal-anqas **tmien snin** minnhom ikunu ta' esperjenza f'funzjonijiet maniġerjali.

ii) **Għarfien meħtieġ**

- Għarfien tajjeb dwar il-Parlament Ewropew, l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, kif ukoll dwar it-trattati u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea;
- ħila eċċellenti fitl-kitba ta' testi, rapporti u opinjonijiet ġuridiċi dwar l-integrazzjoni Ewropea u l-evoluzzjoni tal-Unjoni;
- għarfien tajjeb tal-Liġi Istituzzjonali u Baġitarja tal-Unjoni Ewropea, tal-kompetenzi esterni tagħha kif ukoll tal-Liġi Parlamentari tal-Unjoni (Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, Statut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, protezzjoni tad-dejta personali, eċċ.);
- esperjenza professjonali f'waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;
- kapaċità tajba b'rabta mal-għarfien amministrattiv meħtieġ għall-qasam ta' attivitajiet ikkonċernat (riżorsi umani, immaniġġjar, baġit, finanzi, IT, qasam ġuridiku, eċċ.);
- kapaċità eċċellenti relatata mal-metodi ta' mmaniġġjar tat-timijiet;
- ħila eċċellenti fit-tħejjija ta' dokumenti;
- kapaċità eċċellenti ta' espressjoni fil-pubbliku.

iii) **Għarfien ta' lingwi**

Għarfien eċċellenti ta' lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ u għarfien tajjeb ħafna ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE.

Il-Kumitat Konsultattiv jikkunsidra l-għarfien ta' lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.

iv) **Ħiliet**

- Sens ta strateġija;
- ħiliet maniġerjali;
- kapaċità ta' ppjanar bil-quddiem;
- kapaċità ta' reazzjoni għall-avvenimenti;
- approċċ metikoluż;
- ħiliet ta' komunikazzjoni.

6. PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Biex jassisti lill-Awtorità tal-Ħatra fl-għażla tagħha, il-Kumitat Konsultattiv għall-ħatra ta' uffiċjali għolja se jistabbilixxi lista ta' kandidati u jirrakkomanda lill-Bureau l-ismijiet tal-persuni li għandhom jissejħu għal intervista. Il-Bureau se jadotta l-lista, filwaqt li l-Kumitat se jagħmel l-intervisti u jissottometti r-rapport finali tiegħu lill-Bureau għal deċiżjoni. F'dan l-istadju, il-Bureau jista' jintervista lill-kandidati.

(¹) Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Isvediz, it-Taljan u l-Ungeriz.

7. APPLIKAZZJONIJIET

Il-kandidati huma mitluba jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom fl-indirizz muri hawn taħt (u jikkwotaw l-“Avviż ta’ Reklutaġġ PE/123/S”), u jinkludu stqarrija personali u *curriculum vitae* tal-Europass ⁽¹⁾:

Monsieur le Secrétaire Général
Parlement européen
Bâtiment Konrad Adenauer
2929 Luxembourg
LUXEMBOURG

L-applikazzjoni trid tintbagħat bil-posta rreġistrata sa mhux aktar tard mill-**21 ta’ Mejju 2010**, bit-timbru tal-posta bħala konferma tad-data.

Jinġieb għall-attenzjoni tal-Kandidati li jissejħu għal intervista ⁽²⁾ li, sad-data tal-intervista, għandhom jipprovdju, permezz biss ta’ kopji jew fotokopji, dokumenti li jikkonfermaw l-istudji kif ukoll l-esperjenza professjonali tagħhom u l-attività tagħhom li jeżerċitaw attwalment. Dawn id-dokumenti ma jingħatawx lura lill-kandidati.

⁽¹⁾ <http://europass.cedefop.europa.eu/>

⁽²⁾ Dan ma japplikax għall-kandidati li jkunu qed jaħdmu għall-Parlament Ewropew fid-data tal-għeluq tat-tressiq tal-applikazzjonijiet.

ANNEX

DIRETTORAT SJ A — AFFARIJET ISTITUZZJONALI U PARLAMENTARI**1. KOMPITI PRINĊIPALI TAD-DIRETTUR**

- Jimmaniġġja, jikkoordina u jmexxi l-ħidma relatata mal-għajnuna ġuridika għall-affarijiet istituzzjonali u parlamentari
- Jagħti pariri lill-Istituzzjoni u lill-entitajiet tagħha
- Jissostitwixxi l-Ġurikonsult fil-missjonijiet tiegħu kull meta jkun meħtieġ
- Jirrappreżenta lill-Istituzzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji

2. ORGANIGRAMMA (2)

- 1 Direttur
- 1 Assistent

UNITÀ LIĠI ISTITUZZJONALI U BAĠITARJA, RELAZZJONIJIET ESTERNI (SJA10)

UNITÀ TAD-DRITTIJET TAL-MEMBRI PARLAMENTARI U TAL-ASSISTENTI TAGĦHOM (SJA20)

UNITÀ TAR-REGOLAMENTI TAL-PE U TAR-REGOLAMENTAZZJONI TAL-FUNZJONAMENT INTERN (SJA30)

1. KOMPITI PRINĊIPALI TAS-SETTURI ĠURIDIĊI KKUNSIDRATI

- Jassisti lill-Istituzzjoni fi kwistjonijiet ta' natura legali fl-oqsma ta' attività tagħha permezz ta' pariri ġuridiċi indipendenti, bil-miktub jew orali.
- Jeżerċita funzjoni ta' litigazzjoni: difiża professjonali tal-interessi tal-Istituzzjoni, speċjalment fi proċeduri ġurisdizzjonali, b'mod partikolari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

2. ORGANIGRAMMA (26)

<u>SJA10 (10)</u>	<u>SJA20 (7)</u>	<u>SJA30 (9)</u>
— 1 Kap tal-Unità	1 Kap tal-Unità	1 Kap tal-Unità
— 5 Amministraturi	3 Amministraturi	4 Amministraturi
— 4 Assistenti	3 Assistenti	4 Assistenti

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	(FR)
9	
19	(FR)
23	(DE/ES/PT)
28	
48	
53	
56	
57	
60	
61	(DE/EN/FR)
62	
64	
66	(BG/RO)
67	(ES)
70	(PT)
73	(FI)
74	(SV)
91	
95	
104	
110	
116	(ET)
119	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippublikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

